# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 27**

**Rikors numru 1072/08/1 SM**

**Ronald u Marthese konjuġi Powell**

**v.**

**EneMalta p.l.c u b'digriet tat-2 ta' Marzu, 2009, ġie kjamat fil-kawża Alexander Sciortino**

Preliminari:

1. Din hija azzjoni għad-danni li ġiet intavolata mill-konjuġi Powell kontra l-Enemalta plc fl-24 ta' Ottubru, 2008, wara li l-attur, impjegat mal-istess Enemalta plc bħala *distribution tradesman,* safa midrub meta ntlaqat minn trapan kbir waqt li kien fuq ix-xogħol. Fil-mori tal-kawża ġie kjamat fil-kawża l-kuntrattur Alexander Sciortino fuq talba tas-soċjeta`

konvenuta.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-28 ta' Ġunju, 2016, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kollha kontrihom; dan wara li kwantu għas-soċjeta` Enemalta rriteniet li din ma kinitx responsabbli għall-inċident stante li r-raġuni li wasslet lill-attur biex jitla' fuq it-trakk ma kinitx marbuta mal-mansjonijiet tiegħu fi ħdan l-istess soċjeta`, u kwantu għall-kjamat fil-kawża sabet li kienet fondata l-ewwel eċċezzjoni tiegħu dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni.

3. L-atturi ħassewhom aggravati b'tali deċiżjoni u għalhekk fil-15 ta' Lulju, 2016, interponew appell quddiem din il-Qorti fejn talbuha:

> *"…tħassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza, billi tilqa' t-talbiet tal-atturi appellanti u konsegwentement tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta u tal-imsejjaħ fil-kawża, it-tnejn appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` konvenuta u/jew l-imsejjaħ fil-kawża."*

4. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell qiegħda tiġi riprodotta s-sentenza appellata:

> *"Il-Qorti,*
>
> *1. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-24 t'Ottubru, 2008, li permezz tieghu r-rikorrenti hemm indikat sintetikament espona s-segwenti:*
>
> *1.1. Illi hu jahdem bhala distribution tradesman mas-socjeta` rikorrenti;*
>
> *1.2. Illi fit-2 ta' Settembru, 2004, waqt li l-istess kien qed jahdem fl-imhawi tas-Santi, l-Imgarr, intlaqat minn trapan kbir;*

*1.3. Illi l-incident in dizamina sehh unikament tort tas-socjeta` intimata minhabba:*

*1.3.1. Nuqqas t'osservanza tar-regolamenti dwar issahha tal-haddiem fuq ix-xoghol;*

*1.3.2. Ma pprovdietx "a safe system of work" lir-rikorrenti;*

*1.3.3. Uriet nuqqas ta' diligenza, traskuragni u imperizja waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghol a beneficcju tal-istess socjeta`;*

*1.4. Illi rizultat tal-istess ir-rikorrenti sofra diversi griehi u ha jibqa` jsofri minn dizabilita` permanenti;*

*1.5. Illi l-istess rikorrenti ghalhekk ukoll sofra danni konsistenti f':*

*1.5.1. Damnum emergens, u*

*1.5.2. Lucrum Cessans;*

*1.6. Illi nonostante li interpellata biex tersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni kif indikat fir-rikors guramentat promotur, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;*

*1.7. Illi konsegwentement ir-rikorrenti aderew din il-qorti biex lintimati jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:*

*1.7.1. Tiddikjara li l-incident fuq riferit sehh unikament tort tas-socjeta` intimata;*

*1.7.2. Tiddikjara li l-istess intimati kienu responsabbli ghad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti in konsegwenza tal-incident de quo;*

*1.7.3. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, d-danni sofferti mir-rikorrenti, kemm damnum emergens u lucrum cessans, in konsegwenza tal-incident de quo;*

*1.7.4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom biex ihallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;*

*1.7.5. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;*

*2. Rat l-ordnijiet procedurali ta' din il-qorti diversament preseduta datati t-28 t'Ottubru, 2008, (ara foll 8);*

*3. Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata l-4 ta' Dicembru, 2008, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:*

*3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;*

*3.2. Illi ghalhekk l-istess talbiet indikati fil-paragrafu precedenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;*

*3.3. Illi l-incident in dizamina sehh unikament minhabba:*

*3.3.1. It-traskuragni, non kuranza, u nuqqas t-attenzjoni u prudenza tar-rikorrenti fl-adempiment ta' xogholu; u*

*3.3.2. Nuqqas t'attenzjoni u prudenza tal-kuntrattur tassocjeta` intimata Alex Sciortino, proprjetarju talingenju li fuqu sehh l-incident;*

*3.4. Illi l-incident sehh meta r-rikorrenti laqghat l-ingranagg li jhaddem it-trapan u habat rasu mieghu;*

*3.5. Illi s-socjeta` intimata tharreg lill-impjegati taghha:*

*3.5.1. Bl-akbar mod dettaljat; u*

*3.5.2. Permezz t'ufficjali t'esperjenza twila fix-xoghol in kwistjoni;*

*3.6. Illi s-socjeta` de quo tipprovdi taghmir, apparat u hwejjeg li jaccertaw is-sigurta` tal-impjegati taghha;*

*3.7. Illi ghandu jirrizulta li l-incident in dizamina sehh minhabba nuqqas t'attenzjoni tar-rikorrenti u ta' Alex Sciortino;*

*3.8. Illi s-socjeta` intimata ma tahtiex ghall-akkadut;*

*4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-15 ta' Dicembru, 2008, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 54 u 55);*

*5. Rat id-digriet tal-istess qorti kif indikata fil-paragrafu precedenti datat it-2 ta' Marzu, 2009, (ara foll 56 u 57), li permezz tieghu, fuq talba tas-socjeta` intimata, kkjamat fil-kawza lil Alexander Sciortino ai termini hemm indikati;*

*6. Rat ir-risposta tal-imsemmi kjamat in kawza, datata l-20 t'April, 2009, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti:*

*6.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini talartiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*6.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-konfront tieghu;*

*6.3. Illi ghalhekk l-istess ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;*

*6.4. Illi b'ebda mod m'hu responsabbli ghad-danni allegati mir-*

*rikorrenti;*

*6.5. Illi t-talba ghall-hlas t'imghax mid-data tal-incident hi insostenibbli stante l-principju in illiquidus not fit mora;*

*7. Rat id-digriet tal-istess qorti fuq riferita datat id-29 ta' Marzu, 2011, li permezz taghha hatret lill-espert mediku hemm indikat, (ara foll 109 u 110);*

*8. Rat in-nota datata l-25 ta' Frar, 2015, li permezz taghha l-abbli rapprezentanti tas-socjeta` intimata informa lill-qorti li l-istess socjeta` minnhu rapprezentata assumiet l-atti ta' din il-kawza ghar-raguni hemm indikata, (ara foll 235);*

*9. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat il-11 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentant legali talpartijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 246), u kif sussegwentement estiza fil-konfront tal-kjamat in kawza, (ara foll 274 u 275);*

*10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-24 ta' Lulju, 2015, (ara foll 249), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata datata l-1 t'Ottubru, 2015, (ara foll 260), u dik tal-kjamat in kawza datata s-27 ta' Jannar, 2013, (ara foll 276);*

*11. Rat id-digriet ulterjuri taghha datat il-5 t'April, 2016, li permezz tieghu awtorizzat lir-rikorrenti jipprezentaw nota ulterjuri saddata hemm indikata bil-kontroparti jkollhom ukoll il-fakulta` tar-risposta fir-rigward, sad-data hemm ukoll indikata;*

*12. Semghet lix-xhieda prodotti quddiemha kif illum preseduta;*

*13. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati mill-partijiet;*

*14. Semghet lill-abbli rapprezentant legali tal-partijiet jittrattaw il-kaz b'mod finali; Ikkunsidrat:*

*15. Illi qabel xejn tingibed l-attenzjoni ghall-fatt li ghalkemm gew mismugha x-xhieda hawn elenkati jirrizulta pero` li x-xhieda taghhom ma tirrizultax inserita fil-process:*

*15.1. Jennifer Debono, (ara foll 95);*

*15.2. David Saliba, (ara foll 95; u*

*15.3. Vanessa Attard Mcarthy, (ara foll 131);*

*Ikkunsidrat:*

*16. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod-segwenti:*

*16.1. Illi r-rikorrenti Ronald, (mhux Dorian kif indikat a foll 153 u 155), kien impjegat mas-socjeta` intimata bhala senior distribution tradesman, u sad-data tal-incident meritu talprocedura odjerna kien ilu f'din il-kariga ghal ghaxar (10) snin, (ara foll 232);*

*16.2. Illi fit-2 ta' Settembru, 2004, ir-rikorrenti kien assenjat xoghol flimkien ma' hames (5) impjegati ohra, (ara foll 238) f'Tas-Santi, limit ital-Mgarr, konsistenti fi bdil t'arblu tad-dawl, (ara foll 65 u 232);*

*16.3. Illi effettivament ix-xoghol tal-istess kien jikkonsisti billi jassistu lill-kuntrattur inkarigat ghall-istess xoghol missocjeta` intimata, (ara foll 232);*

*16.4. Illi jirrizulta assodat li r-rikorrenti kien liebes l-ilbies protettiv necessarju ghax-xoghol tieghu, konsistenti f'safety helmet, safety shoes, high visibility vest u ingwanti, (ara foll 151 u 153);*

*16.5. Illi l-incident in dizamina sehh fit-2 ta' Settembru, 2004, u mar-rikorrenti kien hemm prezenti s-segwenti: Arnold Powell, (hu r-rikorrenti), Alfred Sciberras, Charles Fenech u ghal xi hinijiet l-inginier Stephen Sammut, (ara foll 106);*

*16.6. Illi l-ewwel parti tax-xoghol involut kien jikkonsisti billi limpjegati kkoncernati jgibu l-affarijiet biex inehhu l-arblu li kellu jinbidel, (ara foll 65);*

*16.7. Illi kien il-kjamat fil-kawza li kien haffer il-hofra fejn kellu jitqieghed l-arblu l-gdid (ara foll 65);*

*16.8. Illi t-trakk li bih saret il-hofra kellu high up u trapan kbir biex ikun jista` jhaffer il-hofra in dizamina, (ara foll 65);*

*16.9. Illi meta l-istess vettura li kien fiha dan it-trapan giet ezaminata rrizulta s-segwenti: (ara foll 91);*

*16.9.1. Illi l-hydraulic levers kienu tal-fabbrika u ma kienux imbaghbsin;*

*16.9.2. Illi dawn il-hydraulic levers ma kellhom l-ebda difett;*

*16.10. Illi min ihaddem il-levers indikati fil-paragrafu precedenti ghandu jipposizzjona ruhhu mal-genb tal-vettura biex waqt li wiehed ikun qieghed itaqqab, wiehed ma jkunx quddiemu, (ara foll 91);*

*16.11. Illi l-incident in dizamina sehh bil-mod segwenti:*

*16.11.1. Illi r-rikorrenti mar in-naha ta' wara tat-trakk fejn kien hemm*

*it-trapan il-kbir, jew barramina li bih il-kuntrattur kien ihaffer il-hofra ghall-arblu, (ara foll 106);*

*16.11.2. Illi r-rikorrenti mar f'din in-naha ta' wara tat- trakk biex ikun jista` jixrob, (ara foll 106);*

*16.11.3. Illi wara li r-rikorrenti tela` fuq it-trakk biex igib il-flixkun biex jixorbu (ara foll 233), u hekk kif gholla jdejh biex jaghmel dan, hass daqqa fuq rasu u fuq in-naha tal-lemin ta' sidru, (ara foll 106);*

*16.11.4. Illi r-rikorrenti jistqarr li m'ghandux idea kif sar l- incident ghaliex kien dahru lejn id-dinamika involuta, (ara foll 233);*

*Ikkunsidrat:*

*17. Illi r-rikorrenti kien liebes l-ilbies protettiv kollu lilhu moghti mis-socjeta` intimata li maghha kien impjegat, (ara foll 81);*

*Ikkunsidrat:*

*18. Illi meta l-operatur tat-trakk kien lesta mit-thaffir tat-toqba fejn kellu jigi mqieghed l-arblu l-gdid, hu tefa` t-trapan u nizel biex jaghlaq il-lock tal-istess trapan, (ara foll 226);*

*19. Illi kien proprju f'dak il-hin li min-naha tieghu r-rikorrenti tela` fuq it-trakk tal-kuntrattur u:*

> "... *b'illuminating jacket* li kien liebes ... laqat wiehed mill-*leavers* li jhaddem it-trapan", (ara foll 226);

*20. Illi ghalkemm l-istess operatur jghid li effettivament ma rax lirrikorrenti jaghmel dan, pero` jghid li:*

> "... sabiex ikun jista` jahdem it-trapan bilfors trid timbotta l-*leaver*";

*21. Illi kien ghalhekk li nqatet ic-cinga u waqa` t-trapan, (ara foll 226);*

*Ikkunsidrat:*

*22. Illi in sintesi l-incident in dizamina sehh meta r-rikorrenti:*

*22.1. Tela` fuq it-trakk tal-kuntrattur fejn ma la kellu d-dritt u lanqas kellu ghalfejn ikun hemm;*

*22.2. Laqat l-ingranagg tat-trakk bil-high visibility jacket tieghu;*

*22.3. Xeghel ghalhekk, il-barramina;*

*22.4. Inqatghet ic-cinga biex il-barramina waqghet fuq irrikorrenti;*

*Ikkunsidrat:*

*23. Illi kawza ta' dan l-incident ir-rikorrenti sofra dizabilita` stmata ta' tmienja fil-mija, (8%), mill-espert mediku nominat, (ara foll 120);*

*Ikkunsidrat:*

*24. Illi r-rikorrenti sosstni li s-socjeta` intimata naqset tosserva rregolamenti dwar is-sahha tal-haddiem fuq ix-xoghol fil-konfront tieghu, (ara foll 3), billi ma pprovdietx a safe system of work u wriet nuqqas ta' diligenza, traskuragni u imperizja waqt li kienu qed jigu ezegwiti x-xogholijiet in dizamina;*

*25. Illi f'dan ir-rigward, min analizi tal-kuntratt li a bazi tieghu saru xxogholijiet in dizamina, jirrizulta sintetikament is-segwenti: (ara foll 208);*

*25.1. Illi s-socjeta` intimata kkommissjonat lill-kjamat in kawza biex jezegwixxi l-iskavar in dizamina;*

*25.2. Illi l-impjegati tas-socjeta` intimata ma kellhom x'jaqsmu xejn max-xoghol tat-thaffir u mat-trakk li fuqu kien hemm il-barramina in dizamina;*

*Ikkunsidrat:*

*26. Illi r-rikorrenti jirrizulta li kien debitament edott mill-limiti talmansjoni tieghu fir-rigward u kien ghalhekk konsapevoli li, bhal fil-kaz tal-impjegati l-ohra tas-socjeta` intimata, xogholu kien limitat ghall-qligh u r-riprestinagg tal-linji tal-elettriku immedjatament qabel u wara li jinqala` l-arblu u jigi sostitwit;*

*27. Illi t-thaffir tal-hofra, biex ikun jista` jinqala l-arblu kien fdat f'idejn il-kjamat in kawza;*

*28. Illi ghalkemm l-impjegati tas-socjeta` intimata setghu jkunu qrib il-post fejn kien qieghed isir it-thaffir, anke biex jaghtu xi struzzjonijiet lill-kjamat in kawza rigwardanti l-posizzjonar tal-arblu, dawn ma kellhon l-ebda htiega jkunu fuq it-trakk tal-istess kjamat in kawza;*

*29. Illi t-thaddim tal-makkinarju tat-thaffir kien fdat esklussivament f'idejn l-istess kuntrattur kjamat in kawza;*

*Ikkunsidrat:*

*30. Illi minn ezami tas-suespost jirrizulta sintetikament is-segwenti:*

*30.1. Illi l-incident in dizamina sehh wara li x-xogholijiet tal-iskavar kienu ga` konkluzi;*

*30.2. Illi kien ir-rikorrenti li unilateralment iddecieda li jitla` fuq ittrakk biex igib il-flixkun tal-ilma li kellu, ghaliex kien hallieh hemm biex ikun fid-dell;*

*30.3. Illi rrizulta li waqt li kien fuq it-trakk tal-kuntrattur kjamat in kawza, r-rikorrenti laqat il-lever tat-trapan bil-high visibility vest li kien liebes, biex haddem il-barramina u sehh lincident de quo;*

*30.4. Illi r-rikorrenti ma kellu l-ebda raguni ufficjali biex ikun fuq it-trakk de quo;*

*Ikkunsidrat:*

*31. Illi rigward is-sigurezza fuq ix-xoghol jinghad sintetikament issegwenti:*

*31.1. Illi hu ormai ripetutament assodat li l-qrati taghna jinsistu fuq id-dmir li min ihaddem ghandu d-dover li jassigura li jkun hemm l-hekk imsejjah safe place of work, senjatament, stat ragjonevoli ta' sigurezza ghal min ikun qed jahdem;*

*31.2. Illi ghalhekk l-istess qrati jinsistu fuq id-dover ta' min ihaddem biex fost affarijiet ohra jipprovdi attrezzi u makkinarji sikuri, post tax-xoghol nadif u hieles min kull periklu; stharrig u supervizjoni tal-haddiema u manutenzjoni regolari tal-maginarji, biex b'hekk jigi assigurat ambjent lavorattiv ottimali ghall-inkolumita talhaddiema involuti;*

*32. Illi f'dan ir-rigward is-socjeta` intimata ma jirrizultax li kienet karenti fl-obbligi taghha in dizamina;*

*33. Illi l-post fejn sehh l-incident – fuq it-trakk tal-kuntrattur kjamat in kawza – ma kienx ambjent fejn ir-rikorrenti kien assenjat li jahdem;*

*34. Illi l-istess rikorrenti kien jaf li xogholu ma kellu l-ebda konnessjoni mal-imsemmi trakk stante li t-thaffir li kien qed isir bih kien ir-responsabbilita` kontrattwali tal-kuntrattur kjamata in kawza;*

*35. Illi di piu`, ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti ma kienx awtorizzat jitla` fuq l-istess trakk;*

*36. Illi t-trakk u t-taghmir li kien fuqu ma kienx provdut mis-socjeta` intimata izda kien il-proprjeta` tal-kuntrattur kjamat in kawza;*

*Ikkunsidrat:*

*37. Illi jirrizulta li r-rikorrenti tela` fuq it-trakk in dizamina wara decizjoni unilaterali tieghu biex jiehu l-flixkun li hu kien refa` hemm biex ikun fid-dell;*

*38. Illi ghalhekk ir-raguni li wasslitu biex jitla fl-imsemmi trakk kienet wahda li ma kienitx marbuta mal-mansjonijiet tieghu fi hdan issocjeta` intimata izda wahda purament venjali u personali;*

*39. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li la r-rikorrenti kien jaf li ma kellu ebda htiega professjonali biex ikun fuq it-trakk de quo, ma jista` jghabbi lil hadd bir-responsabbilita` tal-akkadut, hlief lilu nnifsu;*

*40. Illi di piu` ma tista tinstab l-ebda kontribuzzjoni ghall-incident, la f'min ihaddmu – senjatament is-socjeta` intimata, u lanqas filkuntrattur kjamat in kawza – stante li t-trakk u l-apparat ta' fuqu instabu li kienu jiffunzjonaw b'mod regolari;*

*41. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-incident li sehh lir-rikorrenti meta hu tela` fuq it-trakk tal-kuntrattur kjamat in kawza sehh biss bhala rizultat dirett u immedjat tan-nuqqas tal-istess rikorrenti;*

*42. Illi f'dan il-kuntest tajjeb li jigi sottolineat dak stabilit mill-**Qorti tal-appell** fil-kawza fl-ismijiet **Bugeja vs. Montanaro Gauci nomine** datata l-**14 ta' Mejju, 2004**, li:*

> *"Is-sistema guridika taghna ma tipprospettax it-teorija ta' strict liability fejn id-datur tax-xoghol jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mis-subalteru tieghu indipendentement mill-htija tal-istess impjegat, kif gie ritenut f'pajjizi esteri, in kwantu il-ligi taghna tehtieg l-element ta' negligenza fl-intervent attiv jew passiv tad-datur tax-xoghol, liema nuqqasijiet jistghu jwasslu ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita`";*

*Ikkunsidrat:*

*43. Illi di piu`, hu wkoll principju bazilari tal-ordinament guridiku lokali, inbevut kif inhu f'dak Kontinentali, li min jallega jrid jipprova;*

*44. Illi effettivament ghalkemm ir-rikorrenti jallega xi nuqqasijiet u negligenza fil-konfront tas-socjeta` intimata, pero` jonqos fattwalment milli jipprovhom skont il-ligi;*

*45. Illi fil-fatt, stante li jirrizulta li l-istess socjeta` intimata ma kienitx responsabbli mill-esekuzzjoni materjali tax-xogholijiet ta' skavar involuti u li jirrizulta wkoll li l-istess haddiema tal-istess socjeta` intimata ma kienux istruwiti biex ikunu vicin jew addirittura fuq, it-trakk in dizamina, allura l-istess socjeta` intimata ma kelliex tigi ritenuta responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;*

*Ikkunsidrat:*

*46. Illi fir-rigward tal-posizzjoni tal-kuntrattur kjamat in kawza jinghad sintetikament is-segwenti:*

*46.1. Illi l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-istess hi bbazata fuq l-artiklu 2153 tal-Kap 16, (ara foll 59);*

*46.2. Illi l-artiklu indikat fil-paragrafu precedenti jistabilixxi ssegwenti:*

*"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa` bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn";*

*47. Illi f'dan il-kuntest, fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Formosa proprio et nomine vs. Winex Holdings Limited et,** datata l-**24 ta' Novembru, 2010**, il-**Prim' Awla tal-Qorti Civili** rriteniet issegwenti:*

*"Infatti peress li fil-konfront ta' konvenut, il-preskrizzjoni tieqaf ghaddejja hekk kif apena tigi intavolata l-kawza, huwa logiku li fil-konfront tal-imsejjah fil-kawza, il-waqt rilevanti huwa d-data tad-digriet illi permezz tieghu hu ddahhal fil-kawza u allura jiehu posizzjoni ta' konvenut. Dan in linea mal-insenjament ta' Laurent: "La domanda 13 giudiziale e` quella che interrompe la prescrizione.... l'effetto interruttivo dura quanto dura l'istanza stessa... (Vol. XXXII paragrafu 182) fejn dan hu spjegat in funditus fis-sentenza fl-ismijiet **Ellul Sullivan vs. Dimech"** datata t-**13 t'Ottubru, 1998";***

*48. Illi ghalhekk id-dati rilevanti jirrizultaw li huma is-segwenti:*

*48.1. It-2 ta' Settembru, 2004: id-data ta' meta sehh l-incident in dizamina;*

*48.2. It-2 ta' Marzu, 2009: id-data ta' meta inhareg id-digriet relattiv rigwardanti l-kjamat in kawza in dizamina, (ara foll 56 u 57);*

*49. Illi minn ezami tad-dati indikati fil-paragrafu precedenti ghandu jkun pacifiku li l-perjodu preskrittiv ta' sentejn kif statutorjament stabbilit, (ara paragrafu numru sitta u erbghin, (46.) aktar qabel), kien abbundantement superat;*

*50. Illi ghalhekk l-azzjoni odjerna tirrizulta li hi preskritta fil-konfront tal-kuntrattur kjamat in kawza Alexander Sciortino;*

***DECIDE:***

*51. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li ghal dak li jirrigwarda s-socjeta` intimata, r-rikorrenti naqas li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu skont il-ligi u konsegwentement:*

*51.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;*

*51.2. Takkolji r-risposti tas-socjeta` intimata;*

*52. Illi in vista wkoll tal-premess, stante li gie debitament stabbilit li japplika l-artiklu 2153 tal-Kap 16 fuq riferit fil-konfront talkuntrattur kjamat in kawza;*

*52.1. Tiddikjara li l-procedura odjerna hi preskritta ai termini talistess*

*artiklu fuq imsemmi fil-konfront tal-kjamat in kawza;*

*52.2. Tilqa` ghalhekk ir-risposta preliminari sollevata mill-kjamat in kawza;*

*53. Illi finalment tikkundanna wkoll lir-rikorrenti Ronald Powell biex ihallas l-ispejjez kollha ta' din il-procedura."*

**Rikors tal-appell tal-atturi konjuġi Powell (15.07.2016):**

5. L-aggravji tal-appellanti, in suċċint, huma s-segwenti:

(a) Ir-responsabbilta` għall-inċident:

Fl-ewwel lok jgħidu li ma jaqblux mat-teżi tal-ewwel Qorti li l-attur ma kellux għalfejn jersaq qrib it-trakk; jargumentaw illi kien propju xogħol l-attur li joqgħod qrib ta' fejn ikun hemm it-trapan itaqqab biex jara li t-tħaffir ikun ta' fond biżżejjed għall-arblu.

Iżidu jgħidu li l-inġinier Magri, inkarigat mill-kjamat fil-kawża sab diversi nuqqasijiet bażiċi li jesponu lill-impjegati tal-Enemalta għall-periklu. Isostnu li l-elenku ta' nuqqasijiet li għamel l-inġinier kienu l-kawża tal-korriment u jargumentaw illi s-soċjeta` Enemalta, bħala s-soċjeta` li pprovdiet it-trakk in kwistjoni tramite l-kuntrattur, għandha tinsab responsabbli.

Mingħajr preġudizzju jgħidu li anke jekk jinstab li l-attur ta sehmu għall-

inċident, tali responsabbilta` għandha tkun parzjali u mhux sħiħa.

(b) Is-sejħa fil-kawża ta' Alexander Sciortino u l-ispejjeż relattivi:

L-appellanti jfakkru li kienet is-soċjeta` Enemalta li talbet il-kjamata fil-kawża ta' Sciortino għar-raġunijiet li tafhom hi. Jargumentaw li fil-mument li ssejjaħ fil-kawża kien diġa jidher ċar li l-azzjoni kontrih hija preskritta. Jargumentaw li kull meta l-Enemalta ġiet notifikata bl-ittri uffiċjali ma ħadet l-ebda pass biex tippreżenta xi att ġudizzjarju sabiex tikkawtela lilha nfisha fil-konfront ta' Sciortino, u ċioe` biex tinterrompi l-preskrizzjoni. Jargumentaw għalhekk li jkun inġust kieku jkollhom iħallsu l-ispejjeż tiegħu huma.

(c) Ix-xhieda mhux inserita fl-atti:

L-appellanti jikkummentaw fuq parti partikolari tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ndikat li għalkemm instemgħet ix-xhieda ta' Jennifer Debono, David Saliba u Vanessa Attard McCarthy, it-traskrizzjonijiet tagħhom ma jinsabux fil-proċess. Jargumentaw illi kellhom jinstabu t-traskrizzjonijiet jew jerġu jinstemgħu ix-xhieda, u mhux li l-Qorti tgħaddi għas-sentenza bħal li kieku ma eżistewx.

**Risposta tal-appell tas-soċjeta` Enemalta plc (04.08.2016):**

6. Is-soċjeta` Enemalta wieġbet biex tagħti r-raġunijiet tagħha għaliex l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti.

**Risposta tal-appell tal-kjamat fil-kawża Alexander Sciortino (09.08.2016):**

7. Il-kjamat fil-kawża wieġeb biex jgħid li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma, u li l-appell għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

**(c) It-traskrizzjonijiet tax-xhieda li ma ġewx inseriti fl-atti:**

8. Din il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra t-tielet aggravju. Huwa minnu li t-traskrizzjonijiet tax-xhieda mogħtija minn Jennifer Debono[1], David Saliba[2] u Vanessa Attard McCarthy[3] ma ġewx inseriti fl-atti. Kienet għal kollox skorretta l-ewwel Qorti in kwantu meta ndunat b'dan irraġunat li

[1] Xhieda mogħtija fil-11 ta' Ottubru, 2010, ara verbal a fol 95
[2] Xhieda mogħtija fil-11 ta' Ottubru, 2010, ara verbal a fol 95
[3] Xhieda mogħtija fl-14 ta' Diċembru,2011, ara verbal a fol 131

ladarba ħadd mill-partijiet ma lmenta fir-rigward allura ma kellha "l-*ebda alternattiva ħlief li tqis l-istess bħala ekwivalenti għal dikjarazzjonijiet li l-partijiet irrinunzjaw għall-istess*". Tali argument huwa mingħajr bażi legali. L-ewwel Qorti kellha kull opportunita` tiddiferixxi s-sentenza għal data oħra sakemm it-traskrizzjonijiet jiġu rintraċċjati u nseriti fl-atti.

9. Stabbilit dan kollu pero`, din il-Qorti jirriżultalha li assolutament mhux il-każ li d-depożizzjonijiet tal-imsemmija xhieda kienu ser jimpinġu fuq l-eżitu tas-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti. Fil-fatt l-atturi appellanti ma talbux in-nullita` tas-sentenza abbażi ta' dan in-nuqqas: huma sempliċiment ikkummentaw fuq tali nuqqas fl-aħħar aggravju tagħhom. Lanqas ma spjegaw ir-rilevanza ta' dawn ix-xhieda, ossia kif il-kontenut tad-depożizzjoni mogħtija minnhom kienet ser issostni t-teżi tagħhom dwar il-kwistjoni tar-responsabbilta` għall-inċident.

10. **Din il-Qorti rintraċċjat it-traskrizzjonijiet u nseriethom fl-atti**. Il-kontenut tagħhom huwa s-segwenti:

- **<u>Jennifer Debono</u>** (in rappreżentanza tal-ETC) sempliċiment esebiet l-*employment history* tal-attur (Dok JD1), minn fejn jirriżulta li huwa ilu impjegat mal-Enemalta mis-6 ta' Awwissu, 1990. <u>Għalkemm it-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha ma kinitx fl-atti, dan id-dokument kien ġie nserit dakinhar tax-xhieda tagħha.</u>

- **Vanessa Attard McCarthy** sempliċiment esebiet ir-rapport tal-pulizija (Dok VA1) datat 2 ta' Settembru, 2004, ċioe` d-data tal-inċident. Għalkemm it-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha ma kinitx fl-atti, dan id-dokument kien ġie inserit dakinhar tax-xhieda tagħha. Fil-fatt kopja tar-rapport tal-pulizija kienet ukoll diġa ġiet esebita mill-atturi stess mar-rikors ġuramentat (Dok RP1).

- **David Saliba** (rappreżentant tal-OHSA) fix-xhieda tiegħu ppreżenta kopja tal-istqarrija tal-attur (Dok DS1) kif ukoll kopja ta' minuta li kellu fil-file tiegħu (Dok DS2). Għalkemm it-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu ma kinitx fl-atti, dawn iż-żewġ dokumenti kienu nseriti dakinhar tax-xhieda tiegħu. Ix-xhieda tiegħu bażikament tirrigwarda tali dokumenti. Fil-fatt huwa jikkwota ħafna mill-istqarrija tal-attur (Dok DS1) u anke jispjega li dakinhar tal-inċident l-OHSA marret fuq il-post u ħadet notamenti "*u ħarġet b' dik il-minuta li hemm miktuba fil-file*". (Dok DS2). Jikkwota wkoll minn tali minuta u jgħid li abbażi ta' tali minuta wasal għall-konklużjoni li ma jittiħdux proċeduri kriminali.

11. Wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa il-fuq imsemmija traskrizzjonijiet, u anke tenut kont tal-fatt li d-dokumenti kollha ppreżentati mix-xhieda kienu jinsabu fl-atti, u għalhekk a dispożizzjoni tal-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tarax li l-fatt li t-traskrizzjonijiet ma kinux jinsabu fl-atti seta' affettwa jew

biddel il-konklużjoni tal-ewwel Qorti.

12. Għalhekk għalkemm l-ewwel Qorti ma kinitx korretta in kwantu għaddiet għas-sentenza mingħajr ma nsistiet li t-traskrizzjonijiet jiġu rintraċċati u nseriti fl-atti, ma jirriżultax li n-nuqqas tagħhom fl-atti seta' ppreġudika l-jedd għal smigħ xieraq (raġuni li twassal għan-nullita` tas-sentenza fit-termini tal-Artikolu 790 tal-Kap 12).[4]

13. Ċertament allura mhux il-każ li tiġi mħassra s-sentenza minħabba tali nuqqas tal-ewwel Qorti.

**(a) Ir-responsabbilta` għall-inċident:**

14. Fl-ewwel aggravju tagħhom l-atturi jilmentaw bil-fatt li l-ewwel Qorti sabet lill-attur Ronald Powell unikament responsabbli għall-inċident. Isostnu li kienet *invece* l-Enemalta li kellha tinstab responsabbli, u fl-agħar ipotesi għalihom isostnu li l-attur kellu jinstab biss parzjalment responsabbli.

15. L-inċident in kwistjoni seħħ fit-2 ta' Settembru, 2004, f'Tas-Santi, limiti tal-Imġarr fejn kien qed isir xogħol konsistenti f'bdil ta' arblu tal-*high*

[4] Għalkemm kif diġa ngħad, fit-tielet aggravju tagħhom l-atturi appellanti sempliċiment ikkummentaw dwar in-nuqqas tal-ewwel Qorti u ma eċċipewx in-nullita` tas-sentenza fit-termini tal-Artikolu 790.

*tension*. Preżenti kien hemm numru ta' ħaddiema tas-soċjeta` Enemalta, fosthom l-attur, kif ukoll Alexander Sciortino, kuntrattur inkarigat mis-soċjeta` Enemalta. Xogħol il-kuntrattur kien li jħaffer ħofra sabiex fiha jitqiegħed l-arblu u għal dan il-għan kellu trakk armat bi trapan kbir. F'ħin minnhom, waqt li kien għadu qed isir ix-xogħol, l-attur intlaqat bit-trapan u sofra ġrieħi ta' natura gravi.

16. Il-verżjonijiet mogħtija mill-persuni li kienu preżenti fuq il-post dakinhar tal-inċident huma s-segwenti:

(i) **<u>L-attur Ronald Powell</u>,** li fiż-żmien tal-inċident kien ilu għaxar (10) snin jaħdem mas-soċjeta` Enemalta bħala *distribution tradesman*, qal li hu u ħaddiema oħra kienu qiegħdin jiggwidaw lill-kuntrattur fejn kellu jagħmel it-toqba għall-arblu, u kemm kellu jinżel fil-fond. Enfasizza li l-kuntrattur jaħdem taħt l-istruzzjonijiet li jagħtuh huma, il-ħaddiema tal-Enemalta. Spjega li meta titħaffer il-ħofra jitpoġġa l-arblu fiha u huma jixxiftjaw il-linji. Huwa jirrakkonta ċ-ċirkostanzi tal-inċident hekk:

> *"Kif kważi kienet lesta l-ħofra jiena llargajt ftit u mort nixrob ħdejn it-trakk, in-naħa ta' wara tat-trakk, u dan anke fejn kien hemm it-trapan il-kbir li bih il-kuntrattur kien qed iħaffer. Nispjega illi dan it-trapan jew hekk imsejħa barramina, li hija l-għodda biex tħaffer, tinsab fuq in-naħa ta' wara tat-trakk. U dak kien il-post fejn jiena kont ninsab waqt li mort nixrob. Għalkemm it-trakk ikun f' ċerta pożizzjoni, il-barramina tkun 'il bogħod mit-trakk, peress li din tkun testendi mit-trakk permezz ta' arm apposta. Jiġifieri għalkemm jiena kont ħdejn it-trakk, ma kontx ħdejn il-barramnina, fil-waqt illi mort biex nixrob.*

*Jiena mort biex nixrob u hekk kif għollejt idi, ħassejt daqqa fuq rasi u sidri in-naħa tal-lemin. Naf li jiena intlift minn sensija għal ftit minuti.*[5]

---

*Il-ħofra kienet qed titħaffer bit-trapan u meta sar l-inċident ix-xogħol kien għadu ma tlestiex. Kien għad baqa' jħaffer ftit ieħor. Fil-ħin tal-inċident it-trapan kien imwaqqaf u Sciortino kien qed itellgħu. Dan il-ħin mort nixrob l-ilma, kienet is-sħana. Mistoqsi jekk naqbilx ma' dak li qal ħija fid-depożizzjoni tiegħu illi fil-ħin tal-inċident it-trapan kien diġa mtella' lura fit-trakk ngħid illi ma niftakarx, dak il-ħin kont dahri lejhom qed nixrob. Jien m'għandix idea kif ġara l-inċident għax kont dahri lejhom. Il-flixkun li kont qed nixrob kont għamiltu ħdejn it-trakk……*

*….*

*Il-flixkun tal-ilma kif diġa għidt poġġejut fuq it-trakk għad-dell. Biex ħadt dan il-flixkun jien tlajt fuq l-ewwel staffa tat-trakk. Mistoqsi jekk meta tlajt fuq it-trakk ilqattx il-level bil-ġakketta ngħid li ma niftakarx. Kif diġa' għidt jiena ma nafx kif ġara l-inċident, naf li sibt ruħi mal-art. Jien kont liebes il-kit kollu tas-safety tagħna, l-helmet, il-visibility vest u ż-żarbun. Id-daqqa ħadtha fuq għajnejja l-leminija u għadhom jidhru l-marki. Il-ġakketta hija għal viżibilita` ta' kulur oranġjo. Kont liebes helmet tal-plastik biċ-ċinga, kien kbir, kemm joqgħod fuq rasi. Kien jasal sa fuq widnejja. Mad-daqqa mingħalija l-helmet inqasam u tar minn ma' rasi. Nippreċiża inqasam naqra. X' ġara mill-helmet in diżamina ma nafx. It-trapan kien wiesgħa mhux ħażin. Naħseb li dejjem ikun wiesgħa għaxar pulzieri. Hu trapan normali, naħseb li jkun twil madwar sitt piedi u fuq quddiem ikollu x-xfafar tiegħu. Mistoqsi kif la jiena kont dahri lejn it-trapan id-daqqa ħadtha n-naħa ta' quddiem ta' wiċċi ngħid illi ma nafx. Li naf hu li hin minnhom kont qed nixrob u ħin ieħor ħadt daqqa u tirt. It-trapan kien proprjeta` ta' Sciortino."* [6]

Il-verżjoni li l-attur Ronald Powell ta lill-pulizija dakinhar tal-inċident, waqt li kien rikoverat l-isptar San Luqa, ġiet rapportata[7] hekk:

*"The police proceeded to S.L.H. and spoke with Ronald Powell. He states that he together with other Enemalta employees were at tas-Santi, l/o Mgarr, installing an electricity pole. He added that with them was a civil contractor Alex Sciortino mob:…….. whose duty was to drill a hole in the ground with a large drill so that the electricity pole could be installed. He added that he saw the drill being raised from the ground after the hole was ready when suddenly the drill got loose and fell on*

[5] Affidavit tal-attur, maħluf 07.01.2011, fol 106-107
[6] Kontro-eżami tal-attur tat-13.01.2015, fol 232-233
[7] Fol 6

*his head.*

*Victim Ronald Powell stated that he was wearing a safety helmet and safety shoes at the time of the incident."*

(ii) **<u>Arnold Powell</u>**, li jiġi ħu l-attur, xehed[8] li fiż-żmien tal-inċident hu u l-attur kienu jaħdmu fl-istess sezzjoni. Xehed li dakinhar tal-inċident kien qed isir bdil ta' arblu u fuq il-post kien hemm hu, ħuh, u ħaddiem ieħor, kif ukoll il-*foreman* u l-inġinier u wkoll il-kuntrattur Alex Sciortino. Spjega li t-trakk tal-kuntrattur għandu *high up* u trapan kbir (li fih daqs bniedem) biex ikun jista' jħaffer il-ħofra bih. Qal li l-apparat kien tal-kuntrattur u joperah il-kuntrattur. Huwa jirrakonta ċ-ċirkostanzi tal-inċident hekk:

*"Ngħid imbagħad ħin minnhom Ronald mar biex jixrob minn flixkun ilma li kien mal-ġenb biex ma jkunx fix-xemx, mal-ġenb tat-trakk, kien fuq it-trakk, mar biex jixrob ftit ilma u f' daqqa waħda nara xi ħaġa ttir u tar għal ma l-art. Ngħid li Ronald intefa' bogħod qisu żewġ metri. Ngħid meta jiena mort biex niġbor minn mal-art lil ħija, il-kuntrattur kien qalli li kien intlaqat bit-trapan ta' fuq it-trakk. Qabel ma mar jixrob Ronald rajt li t-trapan kien imtella'. …..Meta tkun qed titħaffer il-ħofra aħna nkunu rridu naraw li ser issir fiċ-ċentru biex imbagħad meta jinżel l-arblu jinżel fiċ-ċentru. Naraw ukoll li jkun ħaffer il-ħofra biżżejjed 'l isfel. Ngħid li wara li tħaffret il-ħofra niftakar li t-trapan kien tela' lura għal fuq it-trakk. Ngħid li t-trapan kien tela' lura għal fuq it-trakk. Ngħid li minn barra jitla' għal ġewwa t-trapan awtomatikament. Mistoqsi jekk allura dak il-ħin li jtella' t-trapan fuq it-trakk lura kienx illukkjat, ngħid li jiena minix il-kuntrattur u ma nistax ngħid dwar dan. Ma nafx jekk kienx illukkjat. Li sirt naf imbagħad sussegwentement li t-trapan kien laqat lil ħija għax swingja 'l isfel. Ngħid li wara li t-trapan laqat lil ħija, ħija tar kif diġa għidt qisu żewġ metri u t-trapan spiċċa mal-art fil-ħamrija…..Ngħid li l-foreman dakinhar is-sur Charlie Fenech ġie mill-ewwel fuq il-post malli sema' l-għ "*

Il-verżjoni li Arnold Powell ta lill-pulizija dakinhar tal-inċident, ġiet

[8] Xhieda ta' Arnold Powell, tat-18.05.2009, fol 65 et seq

rapportata[9] hekk:

> *"Arnold Powell ID…..who was with victim on site stated that he saw the drill being raised from the ground when suddenly the arrestor wire which holds the drill in place got loose and the drill fell to the ground the drill hit the victim on his head and chest."*

(iii) **<u>Alexander Sciortino</u>**, il-kuntrattur, fl-affidavit tiegħu spjega kif l-inċident seħħ meta l-attur tela' fuq it-trakk tiegħu biex iġib xi flixkun ilma u laqat wieħed mil-*levers* li jħaddem it-trapan. Fl-affidavit[10] tiegħu xehed hekk:

> *"Niftakar li waqt li jien kont lestejt it-toqba għall-arblu l-ġdid, tfejt it-trapan billi tlaqt il-lever u hemmhekk inżilt mit-trakk biex nagħlaq il-lock tal-istess trapan. Nixtieq nispjega li t-trapan jaħdem bħal lever ta' crane fejn inti trid tibqa' żżomm idejk fuq il-lever billi żżomm il-lever 'il fuq biex dan jaħdem, kif titlaq il-lever it-trapan jintefa. It-trakk ikun mikxuf bħal tal-high up.*
>
> *Dak il-ħin jien inżilt mit-trakk biex nagħlaq il-lock tat-trapan u intant Ronald Powell tela' fuq it-trakk tiegħi minn fejn jien nimmanuvra t-trapan u b'illuminating jacket li kien liebes, huwa laqat wieħed mil-levers li jħaddem it-trapan. Jiena dan ma rajtux pero` sabiex ikun jista' jaħdem it-trapan bilfors trid timbotta lever. Minħabba f' hekk it-trapan reġa' pprova jaħdem u dak il-ħin inqatgħet il-wire/ċinġa u għalhekk taret iċ-ċinga/wire u waqa' t-trapan.*
>
> *Jiena dak il-ħin x' ħin rajt it-trapan ġej fid-direzzjoni tiegħi intfajt lura biex ma nintlaqatx, iżda Ronald ma laħaqx jiskapulah u laqtu. Jiena dak il-ħin ma ndunajtx li tela' fit-trakk għax kont inżilt mit-trakk biex nagħlaq il-lock tat-trapan u kont dahri lejh.*
>
> *Wara li seħħ l-inċident sirt naf mingħand ħuh li kien ukoll preżenti peress li huwa ukoll impjegat tal-Enemalta plc li Ronald kien tela' għal flixkun ilma li kien poġġih fit-trakk għad-dell."*

Fix-xhieda tiegħu[11] qal li t-trakk kien jikrih. Qal li wara li seħħ l-inċident

[9] Fol 6
[10] Affidavit ta' Alexander Sciortino, maħluf 20.05.2014, fol 226
[11] Xhieda ta' Alexander Sciortino tad-29 ta' April 2015, fol 232 et seq

kienu "*ġew tas-safety*" u wara li eżaminaw it-trakk qalulu li kollox kien tajjeb. Qal li qabbad inġinier[12] u dan sab li t-trakk kien tal-fabbrika. Qal li ssuġġerielu li jagħmel *"plate*" sabiex il-levers jitgħattew u qal li fil-fatt għamel tali "*plate*". Qal ukoll li wara l-inċident inbidlet iċ-ċinga u minflok sar *wire* tal-azzar, pero` qal li b'hekk ġie iktar perikoluż u allura reġa' nbidel. Kontro-eżaminat qal li l-ħaddiema tal-Enemalta ma kellhomx x' jaqsmu max-xogħol li kien qed jagħmel hu.

Il-verżjoni li Alexander Sciortino ta lill-pulizija dakinhar tal-inċident, ġiet rapportata[13] hekk:

> *"Alex Sciortino mob….. contractor who was on site was spoken to by the police. He stated that he was with Enemalta personnel at tas-Santi l/o Mġarr and he had just drilled a hole in a field and had just raised the drill to place it in its seating when victim Powell got on the back of the truck to fetch a bottle of water and as he was mounting the truck from its side his illuminating jacket hit a lever with the consequence that the hydraulic system of the drill got activated, the drill severed off the strap which holds the drill in place and the drill got loose and swung free with the consequence that the drill slightly hit victim and knocked him to the ground."*

(iv) **Carmel Fenech**, il-*foreman*[14] ikkonferma li dakinhar tal-inċident kellu jitbiddel arblu. Qal li xogħol l-attur, bħala t-*tradesman,* huwa speċifikatament li jaħdem fuq il-*wires*. Spjega li normalment l-istess grupp ta' nies li jaħdmu biex jaqilgħu l-*wires* ikunu l-istess nies li jerġgħu iwaħħluhom. Qal li dawn ikunu fuq is-sit jistennew sakemm

[12] Ir-riferenza hija għall-inġinier Mario Magro
[13] Fol 6
[14] Xhieda ta' Carmel Fenech tal-24 ta' Frar, 2010, fol 80 et seq

jinqala' l-arblu. Mistoqsi jekk Ronald Powell kienx liebes l-attrezzi tal-*health and safety* qal li kieku ma kellux tali attrezzi ma kienx iħallih jibda x-xogħol. Mistoqsi dwar it-trakk li jkun armat bit-trapan qal li dan ikun tal-kuntrattur. Qal li għalkemm ma jafx jekk hux tiegħu personalment jew jekk ikunx krih, huwa l-kuntrattur li joperah. Mistoqsi jekk l-impjegati tal-Enemalta għandhomx għalfejn ikunu fuq it-trakk tal-kuntrattur, wieġeb "*ngħid li le, m'għandhomx x' jaqsmu miegħu."* Dwar iċ-ċirkostanzi tal-inċident xehed hekk:

> *"Waqt il-bdil tal-arblu sakemm smajt l-għajjat jiena ma kontx fuq il-post. Ngħid li malli smajt l-għajjat mort ovvjament bil-mixi fl-għelieqi. Kien hemm ħu Ronald Powell bil-qegħda ma' ġenb it-trakk u Ronald Powell kien qiegħed mimdud bid-demm f' wiċċu. Jiena ċempilt kemm l-ambulanza u kemm lis-superjuri tiegħi."*

Il-verżjoni li Carmel Fenech ta lill-pulizija dakinhar tal-inċident, ġiet rapportata[15] hekk:

> *"Enemalta foreman Charles Fenech Mob…… was spoken to by the police and confirmed the versions given by the Powells. He added that he had contacted the Enemalta Health and Safety Unit who came on the spot."*

(v) **Stephen Sammut**, l-inġinier, spjega[16] li ma kienx xhud okulari fil-mument tal-inċident għaliex wara li jaqta' d-dawl huwa jkun mar jagħmel xogħol ieħor imbagħad wara li jitlesta x-xogħol jiġi kkuntattjat sabiex jerġa' jqabbad id-dawl. Qal li n-nies tal-Enemalta jkunu ngħataw taħriġ u tagħmir tal-protezzjoni tas-saħħa bħal *helmets* u

[15] Fol 6
[16] Affidavit ta' Stephen Sammut, fol 170-171

*visibility jackets*. Qal ukoll li "*in-nies tal-Enemalta ma jkollomx raġuni għalfejn joperaw l-apparat tal-kuntratturi billi huma ma jkollhomx x' jaqsmu xejn mal-operat tiegħu…*"

17. **Mix-xhieda ta' dawn il-persuni din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-inċident ikkaġunah l-attur stess meta tela' fuq it-trakk tal-kuntrattur sabiex jieħu l-flixkun tal-ilma li kien poġġa fuq l-istess trakk, u aċċidentalment laqat wieħed mil-*levers* li jħaddem it-trapan.**

18. Kif irriteniet l-ewwel Qorti, it-trakk ma kienx lok fejn l-attur kien assenjat jaħdem. Għalkemm fir-rikors tal-appell tagħhom l-atturi jargumentaw illi l-attur ma kienx projbit milli jersaq lejn it-trakk u li fil-fatt xogħol il-ħaddiema hu li jkunu qrib tat-trakk, **hemm differenza bejn li tkun qrib tat-trakk u li adirittura titla` fuqu, speċjalment meta l-kuntrattur ikun għadu ma spiċċax l-operazzjoni kollha**. Fil-fatt jirriżulta li l-attur tela' fuq it-trakk hekk kif il-kuntrattur kien għadu kemm niżel minn fuqu sabiex jagħlaq il-*lock* tat-trapan. Rilevanti ferm hija l-minuta[17] tal-file tal-OHSA li jirreferi għaliha David Saliba (rappreżentant tal-OHSA) fejn l-aġir tal-attur ġie deskritt bħala riżultat ta' "***over-confidence".***

19. L-atturi appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom jenfasizzaw ir-

[17] Fol 90, Dok DS2. Il-minuta hija ta' ċertu **Emanuel Cachia** (OHS officer). Dan fil-fatt kien xehed fl-24.02.2010 (fol 79-80) fejn qal li kien kellem lill-attur meta kien l-isptar.

rapport tal-inġinier Mario Magri, inġinier inkarigat mill-kuntrattur stess, wara li sar l-inċident. Jilmentaw li l-ewwel Qorti la qieset ir-rapport u lanqas ix-xhieda tiegħu. Jargumentaw li dan l-inġinier elenka diversi nuqqasijiet li kienu l-kawża tal-korriment u jargumentaw illi s-soċjeta` Enemalta, bħala s-soċjeta` li pprovdiet it-trakk in kwistjoni tramite l-kuntrattur, għandha tinsab responsabbli.

20. L-imsemmi inġinier **Mario Magri** fil-fatt kien diġa għamel rapport datat 12 ta' Jannar, 2004[18], ċioe` tmien (8) xhur qabel ma seħħ l-inċident fejn qal li t-trakk in kwistjoni (Nru AAV-481) huwa "*in good working condition and as such is suitable for working*".

21. Wara li seħħ l-inċident għamel rapport ieħor datat 16 ta' Frar, 2005[19], fejn għamel is-segwenti rimarki:

> *"1. Winding strap: A new sling was fitted to the vehicle for stowing the drilling augure. The strap has the following details….. As the strap is subject to continuous tensile and frictional forces it is recommended that it is inspected every 6 months.*
>
> *2. Hydraulic levers: The operating hydraulic levers are fitted to close to the access steps of the vehicle. It is recommended that they are shortened and covered in order to avoid accidental activation of the augure. (A cover has been fitted on the levers as required to avoid accidental activation of the hydraulic mechanism).*
>
> *3. Clear working space: it is recommended that during every drilling operation and until the augure is securely stowed with the safety latch fixed, the area up to 1.5m radius where the drilling is performed is declared as dangerous area. No one should be allowed in this zone and safety cones should be used in this regard."*

[18] Fol 42
[19] Fol 40-41/ u kopja oħra a fol 28-29

22. Fix-xhieda tiegħu[20] kkonferma li kien tqabbad mill-kuntrattur sabiex jagħmillu tali rapport fuq it-trakk. B'referenza għall-fatt li fir-rapport tiegħu rrakkomanda li l-*levers* jitqassru, ippreċiża li dawn ma kinux difettużi u fil-fatt kienu tal-fabbrika, iżda għamel tali rakkomandazzjoni wara li sema' li l-inċident seħħ minħabba li ntlaqtu l-*levers*. Semma' wkoll li kien irrakkomanda li jsir *cover* (li kif jidher mit-tieni rapport u anke mix-xhieda tal-kuntrattur, tali *cover* sar). Dwar is-*safety cones* qal li dawn irrakkomandahom sabiex dak li jkun ma jersaqx viċin iżżejjed. Dwar il-*winding strap* li tintuża sabiex jittella' t-trapan spjega li din daqqa tkun tal-*wire rope* u daqqa tal-ħabel. (Kif jidher mit-tieni rapport, il-*winding strap* inbidlet; il-kuntrattur pero` fix-xhieda tiegħu spjega li għalkemm iċ-ċinga nbidlet għal *wire* tal-azzar, irriżulta li kienet iktar perikoluża u għalhekk reġgħet inbidlet.)

23. Din il-Qorti ma tarax kif minn dan ir-rapport tal-inġinier għandu jirriżulta li l-Enemalta għandha ġġorr xi responsabbilta` għall-inċident in kwistjoni. L-apparat tal-kuntrattur kien ġie ċċertifikat bħala tajjeb għax-xogħol <u>qabel</u> ma sar l-inċident u għalkemm l-istess inġinier għamel xi rakkomandazzjonijiet <u>wara</u> l-inċident, intiżi biex jitnaqqsu inċidenti simili, dawn ma jnaqqasx mill-imprudenza u t-traskuraġni tal-attur u bl-ebda mod ma jikkonvinċu lil din il-Qorti li l-Enemalta għandha xi

[20] Xhieda ta' Mario Magri tat-09.07.2010, fol 90-92

responsabbilita` xi ġġorr.

24. Kif targumenta s-soċjeta` Enemalta fir-risposta tal-appell tagħha, ladarba r-riskju ma kienx prevedibbli peress li ma kienx relatat max-xogħol tal-attur jew ma' xi struzzjonijiet mogħtija minnha, iżda tnissel minn deċiżjoni personali tal-attur stess li kienet indipendenti mix-xogħol tiegħu, u li għalhekk ma setgħetx tiġi antiċipata minnha, ma setgħetx tinstab ħatja li ma pprovdietx "*a safe system of work".*

25. Kien anzi l-attur stess li seta' antiċipa li l-aġir tiegħu (ċioe` li jitla' fuq it-trakk waqt li l-kuntrattur kien għadu ma llokkjax it-trapan) kien wieħed azzardat, *multo magis* meta kien ilu jaħdem bħala *distribution tradesman* għal għaxar snin. Sfortunatament jidher li s-snin li għamel jaħdem f'dan ix-xogħol servew minflok biex għamluh "*over-confident*" kif ġie rrimarkat fil-minuta tal-OHSA, u b'hekk ġara li ġara.

26. In vista ta' dan kollu din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li għall-inċident in kwistjoni kien jaħti unikament l-attur. Għalhekk dan l-aggravju jirriżulta nfondat.

**(b) <u>L-ispejjeż tal-kjamat fil-kawża:</u>**

27. Fit-tieni aggravju tagħhom l-atturi appellanti jilmentaw bil-fatt li l-ewwel Qorti ordnatilhom iħallsu l-ispejjeż tal-kjamat fil-kawża li ssejjaħ fuq

talba tas-soċjeta` Enemalta, meta kien jidher ċar li l-azzjoni kontrih kienet preskritta.

28. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti taqbel mal-atturi appellanti li mhux ġust li jħallsu tali spejjeż huma, u għalhekk dan l-aggravju jirriżulta fondat.

**DEĊIDE:**

29. Għal dawn il-motivi din il-Qorti:

(a) issib it-tieni aggravju tal-atturi appellanti fondat u konsegwentement tilqa' l-appell tal-atturi in kwantu jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż tal-ewwel istanza u tirriforma tali kap tal-ispejjeż billi tordna lill-atturi jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża ħlief għal dawk marbutin mal-kjamat fil-kawża;

(b) Issib l-ewwel u t-tielet aggravju nfondati u konsegwentement tiċħad l-appell tal-atturi fil-kumplament tiegħu.

30. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu terz (⅓) mis-soċjeta` Enemalta u żewġ terzi (⅔) mill-atturi appellanti.

| Mark Chetcuti | Joseph R. Micallef | Tonio Mallia |
| --- | --- | --- |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da